TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DEĊIŻJONI NRU. 315

KAŻ NRU: 420

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Lawrence Vella
u
FAR-TEX LTD.
dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta.

Data: 7 ta' Settembru 1988

CHAIRMAN: Is-Sur Tonio Portughese B.A. (Hons), M.A.

(1) INTRODUZZJONI

Dan il-Kaz intbaghat quddiem it-Tribunal Industrijali b'ittra datata 6 ta' Diċembru 1986 mill-Onor. Ministru tax-Xoghol skond il-provvediment ta' l-Artikolu 28 (2) ta' l-Att XXX ta' l-1976 u jitratta dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta.

Inzammu sitt seduti li fihom tressqu ghadd ta' xhieda u dokumenti.

Ghall-appellant is-Sur Lawrence Vella, deher il-Perit Carmel Cacopardo, waqt li f'isem il-Kumpanija Far-Tex Ltd dehru is-Sinjuri Carmelo Farrugia, Managing Director u s-Sur Emmanuel Farrugia impjegat gholi ta' l-istess Kumpanija.

(2) STATEMENTS OF CASE

F'isem l-appellant gie sottomess illi huwa kien jahdem bhala Mechanic (sewing machine mechanic) mal-Kumpanija

FAR-TEX LTD, b'kuntratt indefinit minn nhar il-11 ta' Frar 1985 sakemm tkecca fl-4 ta' Settembru 1986. Ir-raguni ghat-tkeccija tieghu "due to inefficiency" mhix korretta ghax ma tezisti ebda raguni li tiggustifika t-tkeċċija.

F'isem il-Kumpanija gie sottomess li l-appellant kien gie impjegat maghha meta kienet ghadha fil-bidu u kellha ftit makkinarju. Kien qed jirrizulta li l-magni ma kienux qed jissewwew tajjeb jew inkella ma kenitx qed tinghatalhom l-attenzjoni mehtiega billi n-numru ta' magni li jkunu bi hsara kien dejjem konsiderevoli u l-istess Lawrence Vella kien idum hafna biex jirranġa l-magni. Kien ikollu jaghmel hafna overtime. Il-Kumpanija sabet li Vella ma kienx attent u efficjenti bizzejjed.

(3) XHIEDA U DOKUMENTI

Tressqu diversi xhieda fosthom ghadd ta' persuni li fil-perjodu in kwistjoni kienu jahdmu f'din il-fabbrika, kif ukoll l-istess appellant, il-Managing Director u rappreżentant tad-Dipartiment tax-Xoghol.

Attenzjoni partikulari nghatat lil dokumenti mressqa mill-Kumpanija bhala "twissijiet" li qalet li nghataw lill-appellant, u dikjarazzjoni ffirmata mis-Supervisors li fiha stqarrew li l-appellant kien inefficjenti bhala tekniku.

(4) SOTTOMISSJONIJIET FINALI

F'isem l-appellant gie sottomess li l-kaz wera li fil-fabbrika kien hemm bosta magni, uhud li intuzaw ghall-ewwel darba fl-istess fabbrika u ohrajn li kienu diga intuzaw band'ohra fil-fabbrika Bortex, jew fil-fabbrika tal-familja Farrugia fil-Furjana. It-tiswija tal-magni bi hsara kienu

jsiru minn Lawrence Vella, Carmelo Runco jew minn missier il-Managing Director. Dawn it-tnejn ta' l-aħħar ma kinux jifhmu fit-tiswija tal-magni u għalhekk mhux l-ewwel darba li Vella kellu jsewwi xi magna wara li jkunu ippruvaw isewwuha huma u dan bil-konsegwenza li kien jieħu aktar hin minn normal.

Il-Kumpanija gieli kienet tipprovdi spare parts "home-made" li kienu jkunu difettuzi. B'hekk ix-xogħol kien jakkumula u kien jinħoloq certu dewmien.

L-appellant ikkontesta ukoll l-awtenticita tat-tlett warnings li l-Kumpanija qalet li harget. It-tlett warnings dehru għall-ewwel darba quddiem dan it-Tribunal.

L-appellant talab li fic-certifikat ta' temm ta' impieg jithassru l-kelmiet "due to inefficiency".

Talab ukoll li t-Tribunal iħallsu kumpens xieraq skond il-liġi.

F'isem il-Kumpanija ġie sottomess li l-unika raguni ta' tkeċċija kienet nuqqas ta' efficjenza u attenzjoni min-naħa ta' l-appellant. Mhux minnu li Carmelo Runco kien iħaghbas il-magni u imbagħad kien ikollu jirrangahom l-appellant. Dan l-istess Runco l-anqas tressaq bħala xhud u ssemma' l-ewwel darba wara li saru s-sottomissjonijiet preliminari. Dwar l-akkuza li Vella kien jiġi imfixkel apposta mis-Sur Frans Cassar li Vella qalha fix-xhieda, din ma ssemmietx la fis-sottomissjonijiet preliminari u l-anqas waqt ix-xhieda ta' Cassar. Mix-xhieda prodotta mill-appellant erbgħa minnhom ikkonfermaw li Vella ma kienx efficjenti.

(5) KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Dan il-kaz huwa wieħed bilanċjat fis-sens li aspetti posittivi u negattivi jistgħu jiġu identifikati fiz-zewġ partijiet. L-izvolgiment tal-kaz tefa' dubji kemm dwar il-professjonalita' managerjali tal-Kumpanija bħala rizultat tad-dokumentazzjoni u l-validita' tagħha partikolarment fuq id-dilemma jekk hux veru jew le li nħargu twissijiet uffiċjali lill-appellant, kif ukoll dwar il-kompetenza teknika ta' l-appellant jew aħjar li "standards" milhuqa minnu.

Huwa posittiv għall-ekonomija ta' pajjizna li imprendituri Maltin joħolqu l-industrija u jkabbruha. Dan jista' jseħħ biss bil-koinvolgiment ta' kulħadd, l-aktar tas-settur tal-manutenzjoni teknika.

Mill-banda l-oħra kull intrapriza jrid ikollha sistema moderna u illuminata fil-qasam tar-relazzjonijiet umani.

Zgur li kuntest bħal dan kien itaffi l-konflittwalita għax kien ikun hemm qagħda izjed ċara.

Fil-fatt minn banda hemm id-dubji fuq l-awtentiċita' tat-twissijiet uffiċjali, u mill-banda l-oħra hemm indikazzjonijiet li l-appellant kellu limitazzjonijiet fil-kompetenza tiegħu.

(6) AWARD

Fiċ-ċirkustanzi partikulari ta' dan il-kaz, it-Tribunal

..../5

jordna li c-certifikat tat-temm ta' impieg jibqa' kif inhu izda minhabba n-nuqqas parzjali ta' proceduri dokumentati minn naha tal-Kumpanija jordna l-hlas ta' LM125 lill-Appellant bhala "full and final settlement" tal-Kaz.

Ghall-finijiet ta' l-Artikolu 31A ta' l-Att Nru XXX tal-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali u skond tariffa li tinsab fir-Regolamenti tal-1986 dwar drittijiet li jithallsu (A.L. 48 tal-1986), it-Tribunal qieghed jintaxxa d-drittijiet tal-persuni li dehru ghall-partijiet fis-somma ta' erbghin liri maltin (Lm 40).

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

TONIO PORTUGHESE
CHAIRMAN

EDWIN SPITERI
SEGRETARJU

/av